# MEMORJI SBIEĦ

Kien ferħ kbir għalina d-devoti tal-Madonna, meta nhar l-ewwel tas-sena 1987, festa ta' Marija Omm Alla, il-Qdusija Tiegħu Ġwann Pawlu II, fl-omelija li għamel waqt il-quddiesa f'San Pietru, ħabbar lid-dinja kollha li nhar is-7 ta' Ġunju 1987, jum Għid il-Ħamsin, ser tibda sena Marjana. Din iddum sejra sal-15 t'Awissu 1988, il-jum glorjuż tal-tlugħ tal-Verġni Mqaddsa fis-sema u se ssir bħala tħejjija għat-tielet millenju ta' l-era nisranija. Mhux biss fl-istorja tal-Kristjaneżmu, imma kwoll fil-ġrajja ta' kull wieħed minna, aħna niftakru fil-presenza ta' Ommna Marija fi ħtiġijietna, fil-periklu u fil-waqgħat tagħna.

Marija, Sultana tas-sema u ta' l-art, tinsab ħdejn it-tron t'Alla, fejn tidħol għalina quddiem Binha Ġesù. Jekk irridu nkunu wliedha ma nistgħux ma nkunux ta' għajnuna u ta' faraġ ma' ħutna, għaliex aħna lkoll uliedha.

Fis-Salve Reġina nsejħulha, "Omm tal-ħniena"; l-indħil ta' Marija fit-tieġ ta' Kana favur l-għarrejjes m'għandniex ngħodduh bħala xi ġrajja waħdanija, imma bħala l-ewwel att ta' ħniena li Marija wriet lejn l-għarrejjes. Maria hija l-waħdanija li titlob, u ħajjitha kienet kollha kemm hi talba waħda. Titlob lil Binha Ġesù u taqla', u hekk għadha sal-ġurnata ta' llum titlob għal kull wieħed minna.

F'Malta hawn bosta Santwarji u knejjes iddedikati lill-Madonna taħt id-diversi titli, iżda bla dubju ta' xejn it-titlu tal-Karmnu huwa wieħed mill-aktar għażiż għalina l-Maltin.

Sa żminijietna s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, monument insiji ta' storja reliġjuża u ċivili, jibqa' dejjem iċ-ċentru nazzjonali tad-devozzjoni Marjana ta' Malta kollha. Missirijietna kienu tant talbu u ħadmu bil-ħeġġa kollha tagħhom biex ix-xbieha mirakuluża tal-Madonna tal-Karmnu tal-Blet tkun l-ewwel xbieha nkurunata f'Malta. Ġabuha żewġ fl-1881; għalhekk nistgħu bla dubju nsejħu lill-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt l-ewwel Santwarju Nazzjonali.

Barra mill fil-festa devota ta' kull sena nhar is-16 ta' Lulju, f'bosta okkażjonijiet oħra dan is-Santwarju kien dejjem ċentru ta' devozzjoni Marjana. Għalhekk nixtieq infakkar xi ftit miċ-ċelebrazzjonijiet straordinarji meta l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu ġiet imdawra mat-toroq ta' Beltna.

Fis-sena 1951 l-Ordni Karmelitan fakkar is-Seba' Ċentinarju tal-Labtu. F'manifestazzjoni kbira l-istatwa devota ġiet meħuda f'korteo "aux flambeaux" sa fufq il-fosos tal-Furjana. Il-ġurnali kollha ta' dak in-nhar sejħu dan il-pellegrinaġġ 'Xmara ta' Dawl'. Mal-wasla fuq il-fosos saret quddiesa f'nof il-lejl mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi. Lapida b'tifkira ġiet imqiegħda fil-portiku tal-Knisja Parrokkjali ta' San Publiju.

Fis-sena 1954 saru l-festi ċentinarji tad-Domna tal-Konċepiment ta' l-Immakulata; għalhekk sar korteo bl-istatwa, imħejji mill-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt, madwar it-toroq ewlenin tal-Belt. Saru wkoll pellegrinaġġi għas-Santwarju mit-Terzjarji Karmelitani tas-Siggiewi u ta' Santa Venera, mis-Sorijiet Franġiskani tal-Pilar tal-Belt, kif ukoll mid-devoti tal-Madonna tal-Belt.

Fil-25 ta' Marzu, Festa tat-Tħabbira tal-Mulej, kien sar pellegrinaġġ mill-Kleru Djoċesan u Reliġjuż mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għas-Santwarju fejn saret

siegħa adorazzjoni bis-sehem ta' l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi u l-E.T. Mon. EMle Galea. Kien sar diskors mir-Rev. P. Ġużepp Delia S.J. Fis-sena Marjana 1954, kienet inġiebet torċa mixgħula mill-Azzjoni Kattolika mill-Grotta ta' Lourdes u ttieħdet dritt mill-port f'korteo sas-Santwarju.

Fl-10 ta' Ottubru 1960, l-istatwa tal-Madonna ttieħdet f'pellegrinaġġ penitenzjali għall-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. B'hekk saret l-ewwel statwa li daħlet fil-Kon-Katidral. Fil-11 ta' Ġunju 1961, l-istatwa ġiet imdawra proċessjonalment mat-toroq tal-Belt b'waqfa quddiem il-Kon-Katirdal ta' San Ġwann fejn saret ċelebrazzjoni Marjana.

Fis-sena 1974, l-istatwa ġiet imdawra f'korteo mat-toroq fl-inħawi tas-Santwarju, meta saru festi dwar il-Qima li l-poplu t'Alla għandu jgħati lill-Madonna. F'din iċ-ċirkustanza l-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi għoġbu jagħti indulġenza plenarja tal-Ġublew. Fis-sena 1980, Sena ta' Tiġdid marjan, l-istatwa ttieħedet f'korteo "aux flambeaux" sa fuq il-fosos tal-Furjana, fejn saret quddiesa f'nofs il-lejl bis-sehem ta' l-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Fis-17 ta' Settembru 1983, fl-okkażjoni tal-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku, il-Legat tal-Papa, l-Emminenza Tiegħu l-Kardinal Salvatore Pappalardo għamel żjara uffiċjali lis-Santwarju u l-Preżentazzjoni tat-tfal lill-Madodnna. Dak in-nhar ukoll l-E.T. Mons. Domenico Vecchiano, Isqof ta' Pompej ċċelebra quddiesa għat-tfal.

Nhar 1-1 ta' Lulju 1987 sar pellegrinaġġ "aux flambeaux" bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mill-knisja parrokkjali ta' San Duminku l-Belt għas-Santwarju tagħna. Matul in-Novena ta' l-istess sena ħadu sehem diversi Retturi ta' Santwarji li għandhom Xbieha Inkurunata tal-Madonna. Kien hemm il-Wisq Rev. Monns. Mattew Chircop, Arċipriet tal-Katidral Metropolita, ir-Revdi. Arċipriet tal-Mosta li ġab miegħu pellegrinaġġ sabiħ, il-Kappillan tal-Mellieħa, il-W.R.P. Provinċjal Alfred Calleja O.F.M. Conv. mal-kommunità tiegħu f'isem is-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa, Rabat, u l-Wisq Revdu Monsinjur Vigarju Karmelu Xuereb flimkien mas-saċerdoti li jisimhom Karmelu.

Matul is-sena 1988 saru bosta attivitajiet Marjani:-
Għadd sabiħ ta' reliġjużi patrijiet u sorijiet ħadu sehem f'laqgħa ta' Talb u Att Penitenzjali Kommunali.
Saret laqgħa ta' Talb mill-"Legion of Mary" għall-membri awżiljari Kollha tal-Belt u konċelebrazzjoni minn Direttur Spiritwali ta' l-istess Għaqda. Nhar il-festa ta' l-Axxensjoni, 15 ta' Mejju, ġie pellegrinaġġ mill-"Mirian Cultural Group" u wara ħadu sehem għal quddiesa konċelebrata mill-W.R.P. Provinċjal tal-Karmelitani Leonard Mahoney. Ma naqsu qatt din is-sena għadd ta' pellegrinaġġi oħra minn diversi Għaqdiet, Parroċċi u knejjes oħra.

Dawn huma ftit mill-manifestazzjonijiet Marjani li jixhdu kemm tabilħaqq dan is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu hu għal qalb il-Maltin: lilu jagħżlu għal ċelebrazzjonijiet Marjani Nazzjonali.

Għalhekk nagħmel appell biex f'din is-sena Marjana u fis-snin l-oħra li ġejjin jissoktaw isiru f'dan is-Santwarju Ewlieni funzjonijiet bħalma sar fl-imgħoddi.

**Carmelo M. Ellul**
**Terzjarju Karmelitan.**